MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1070/2007

**Mary Anne Sultana**

***Versus***

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali**

Il-qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attriċi li fih, wara li fissret illi hija l-armla ta' George Sultana, li miet fl-24 t'Ottubru 2006, u illi fl-att tal-mewt ta' George Sultana, numru 2996/2006, hemm żball fil-kolonna "jekk hux miżżewweġ jew le, armel jew armla/*whether married or unmarried, widower or widow*", għax hemm imniżżel "*widower of Grace Sultana née Camilleri*" flok "*husband of Mary Anne Sultana née Gauci*", talbet illi l-qorti tordna illi ssir il-korrezzjoni meħtieġa;

Rat it-tweġiba maħlufa bl-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat illi saret il-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, kif irid l-art. 254 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat illi hemm żball evidenti fl-att tal-mewt numru 2996/2006 ta' George Sultana, u illi dan l-iżball sar għax min ta l-aħbar tal-mewt lill-awtoritajiet tahom tagħrif ħażin dwar mart il-mejjet[1];

Tqis illi, għal dawn ir-raġunijiet, għandha ssir il-korrezzjoni mitluba, iżda, billi l-ħtija għall-iżball ma kinitx tal-konvenuti, dawn ma għandhomx jeħlu spejjeż:

Għalhekk taqta' l-kawża billi tordna korrezzjoni fl-att tal-mewt numru 2996/2006 ta' George Sultana billi fil-kolonna "jekk hux miżżewweġ jew le, armel jew armla/*whether married or unmarried, widower or widow*", jitħassar il-kliem "*widower of Grace Sultana née Camilleri*" u minflok il-kliem imħasser jinżel il-kliem "*husband of Marianna sive Mary Anne Sultana née Gauci*".

L-ispejjeż tal-kawża għandha tħallashom l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

1 *Fol*. 15.